MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 654/2003/1

**Andrew Penza**

**vs**

**Claes Nicklas K. Skalin u Emanuel Zammit u b' digriet tal-5 ta' Novembru, 2004 Middle Sea Insurance plc giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Frar, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2003, fejn intqal:

Illi l-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati li huma responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar il-

21 ta’ Ottubru, 2002, f’Mdina Road, Qormi bejn il-vetturi numru ta’ registrazzjoni VET-001, misjuqa mill-konvenut Skalin, il-vettura numru ta’ registrazzjoni HAP-754 misjuqa mill-konvenut l-iehor Zammit, u l-vettura numru ta’ registrazzjoni DBH-607 misjuqa mill-attur, u konsegwentement intalab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm837.85) rapprezentanti d-danni minnu sofferti fl-incident in kwistjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta’ Dicembru, 2003, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz, u blimghax legali ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Zammit prezentata fid-29 ta’ Mejju, 2003 fejn intqal illi t-talba qed tigi kkontestata stante li:
i. huwa ma jahtix ghall-incident in kwistjoni;
ii. id-danni huma, fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju, esagerati.
Illi l-esponent qieghed jirriserva li jagixxi kontra l-attur u l-konvenut Claes Skalin ghad-danni minnu sofferti.

Ra r-risposta tal-konvenut Claes Nicklas Skalin prezentata fl-1 ta’ Novembru, 2004, fejn intqal illi dak li talab l-attur ghandu, fil-konfront tal-konvenut Claes Nicklas Skalin jigu michuda bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali *de quo* ma kienx jahti l-eccipjent.
In linea preliminari l-attur ghandu jigi mitlub jissupplixxi ricevuti in sostenn tal-quantum – dak li messu gie esebit mal-avviz.

Ra r-rikors tal-4 ta’ Novembru, 2004, ta’ Middle Sea Insurance plc, socjeta` assikuratrici tal-konvenut Skalin. Ra d-digriet relattiv fejn din giet awtorizzata tintervjani fil-kawza *in statu et terminis*.

Ra r-risposta tal-istess socjeta` intervenjenti prezentata fis-17 ta' Novembru, 2004, fejn intqal illi t-talbiet tal-attur fil-konfront ta' Claes Nicklas Skalin, l-assigurat tas-socjeta` intervenjenti fil-kawza, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kolizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte ta' Claes Nicklas Skalin kif allegat fit-talba.

Semgha x-xhieda ta' Andrew Penza, Natalino Agius, Anthony Schembri, Joannes Cassar, ex-PS175 George Pace, Nickolas Claes Skalin, u Emmanuel Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi dan il-kaz jirigwarda incident auto mobilistiku li sehh fil-21 ta' Ottubru, 2002, f' Imdina Road, Qormi. Il-vetturi involuti fil-kolizzjoni kienu l-vettura numru DBH-607 misjuqa mill-attur, il-vettura numru VET-001 misjuqa mill-konvenut Skalin u l-vettura numru HAP-754, misjuqa mill-konvenut Zammit.
2. L-attur kien qed isuq go Imdina Road, sejjer fid-direzzjoni ta' Hal Qormi, meta hares lejn il-lemin u ra karozza gejja ghal fuqu maqtugha mill-erba' roti. L-attur kien fuq livel izjed baxx mil-karozza li giet ghal fuqu. L-attur kien ghan-nizla, fil-waqt li l-vettura li giet fuqu kienet ghat-tela'.
3. L-attur kien ha l-karozza ghat-tiswija u kien ra s-surveyor ta' Citadel Insurance.
4. Skond ir-road accident report Dok AP1 u Dok PS1, l-attur jikkonferma dak li qal fid-depozizzjoni tieghu.
5. Emmanuel Zammit is-sewwieq tal-vettura HAP-754 spjega li hu kien qed isuq trakk bit-trailer warajh gewwa Imdina Road, u kien fil-kareggata ta' gewwa. Kien hemm karozzi pparkjati mal-genb u kien ghaddej fuq gewwa minn maghhom b'xi 30 jew 35 mfs peress illi kien mghobbi. F'mument minnhom hass xi haga u ra karozza taqbes ghan-naha l-ohra u giet fuq vettura ohra. Il-konvenut Zammit jghid illi lil min kien qed isuq qallu: "lanqas tisthi tila' dan il-gas kollu issuq b'zewgt itfal".

Zammit jghid illi brake ma ghafasx, jghid ukoll illi din il-vettura habtet mar-rota ta’ quddiem tat-trakk fuq in-naha tax-xufier. Il-konvenut Skalin habat ma arblu wara li habat got-trakk u wara qabez it-triq u gie fuq karozza ohra. Il-konvenut Zammit indika bil-marka ‘X’ fir-ritratt Dok MS1 l-arblu li mieghu habat Skalin.

6. Il-konvenut Skalin jikkonferma li kien qed isuq f’Imdina Road u li kien fil-kareggata tan-nofs, u li kellu trakk quddiemu. Skond Skalin kien hemm trakk li meta wasal ghal kurva dahal fil-kareggata ta’ gewwa. Meta Skalin kien ghadu fil-kareggata tan-nofs, jghid li gie trakk iehor li laqtu minn wara u bl-impatt tefu lejn il-lemin ghal fuq is-central strip u ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq. Skalin jichad li kien gie mistoqsi dwar l-incident jew li ra l-iskizz, kif ukoll li qatt ghamel xi statement mal-Pulizija.

7. L-ex PS175 George Pace li kien investiga l-incident spjega li kien ha l-verzjoni tal-partijiet u kkonferma wkoll dikjarazzjoni mghamula mill-istess Skalin fil-21 ta’ Ottubru, 2002, esebita a fol 90 tal-process fejn dan ammetta li jaghmel tajjeb ghad-danni.

8. Pero’ apparti dan jekk wiehed jara d-depozizzjoni ta’ Natalino Agius jirrizulta illi l-vettura ta’ Skalin kellha hsara estensiva qisa selha kbira fuq il-parti tax-xellug taghha fuq wara. Dan jindika illi kien hemm kuntatt bejn it-trakk minn gewwa u Skalin minn barra.

9. Huwa aktar verosimili li meta l-konvenut Skalin kien qieghed miexi kif qal huwa laqat lit-trakk, baqa diehel fl-arblu tal-eletriku u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq.

10. It-Tribunal ma jistax jghati affidabilita lill-konvenut Skalin illi qal li mar u kejjel brake marks li kienu twal 21 metru li allegatament jghid li saru mit-trakk li laqtu. Dan ma jirrizulta minn imkien mix-xhieda mismugha, u ghalhekk wiehed ma jistax joqghod fuq il-verzjoni ta’ Skalin f’dan ir-rigward.

11. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-incident in kwistjoni sehh tort tal-konvenut Skalin, illi kif irrizulta kien ghaddej ukoll b’certa velocita, tant illi spicca dahal f’arblu u qabez it-triq. Ma hemmx dubju illi t-trakk ma kienx mixi b’velocita, apparti illi kien mghobbi, ghalhekk l-incident sehh minhabba d-disatenzzjoni tal-konvenut Skalin li wkoll kien qed isuq b’velocita tali illi wara l-habta ma setax ikollu kontrol fuq il-vettura.

12. Bhala danni dawn jinsabu pruvati fl-ammont mitlub u dan skond id-Dok AP2 sa Dok AP9 esebiti, kif ukoll mix-xhieda tas-surveyor Natalino Agius kif ukoll ix-xhieda Joannes Cassar u Anthony Schembri.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u filwaqt illi qed jiddikjara illi responsabbli ghall-incident kien unikament il-konvenut Skalin, qed jikkundanna lill-istess konvenut Skalin ihallas lil-attur s-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm837.85) bl-imghax legali dekoribbli mit-2 ta' April, 2003.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Skalin."

B' din is-sentenza l-konvenut Claes Niklas Skalin hassu aggravat bl-allokament tal-htija eskluziva tieghu ghall-incident da parti tat-Tribunal. Huwa jikkontendi, invece, li r-responsabilita` kienet kollha attribwibbli lis-sewqan tal-konvenut l-iehor Emanuel Zammit;

Jixraq, qabel xejn, li din il-Qorti taghmel din l-osservazzjoni preliminari. Kull gudizzju ghandu jigi affrontat fuq ic-cirkostanzi tieghu partikulari kif ipprovati. Jokkorri pero` li jsiru wkoll dawn il-konsiderazzjonijiet *per modum regulae*:-

(1) Il-*Police sketch* u *report* jistabilixxi dak li gie immedjatament u attwalment konstatat *de visu* mis-surgent li investiga l-incident u jikkontjeni l-ewwel dikjarazzjonijiet tas-sewwieqa involuti fil-kollizjoni. Kif drabi ohra nghad is-Surgent "huwa *recorder* tar-*res gestae* u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza" ("**Carmel Camilleri -vs- Leone Pillow**", Appell Civili, 7 ta' Ottubru 1997). Dan qed jigi rilevat in kwantu l-appellanti jittanta jiskredita lis-Surgent tant li jinnega "*even having said what is reported in the road*

*accident report*" (fol. 104), anke jekk jaqbel "*with the sketch exhibited*" (fol. 103);

(2) Fejn il-versjonijiet ta' kif sehh l-incident huma kontrastanti jinkombi fuq il-Qorti li tittanti tirrikostruwixxi d-dinamika tal-habta u tigbed l-inferenzi okkorrenti minn dak li ntqal mix-xhieda u mic-cirkostanzi generali tal-kaz;

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa car mill-kontenut ta' l-aggravju illi l-appellanti mhux qed japprezza l-fatturi li addossawlu l-htija esklussiva ghall-incident. Naturalment il-Qorti tifhem il-ghala huwa jibda biex jitfa dubju fuq l-integrita` tar-rapport tas-Surgent u in partikolari r-registrazzjoni tad-dikjarazzjoni tieghu li hu kien qed jaghmel *overtaking*. Ragonevolment pero` din il-Qorti ma tistax facilment tiskarta dak ir-rapport meta ma hemm xejn x' jindikalha li dan mhux fededenju, ghajr id-deposizzjoni ta' l-appellant innifsu. Fir-realta` processwali ma nsibux li sar kontroezami adegwat ta' l-ex-Surgent 175 George Pace fuq dan il-punt biex din il-Qorti tista' tigi konvinta li ghandha tiskarta dak ir-rapport u taccetta invece l-istqarrija ta' l-appellanti quddiem it-Tribunal. Meta hekk inhu l-kaz din il-Qorti difficilment tista' tinjora r-rapport fl-ezercizzju taghha tad-determinazzjoni tal-kawza prossima li tat lok ghall-kollizjoni;

Gja intqal illi l-versjonijiet tal-konvenut huma kontrastanti. Hekk mentri l-appellanti jghid li hu ntlaqat mit-trukk misjuq mill-konvenut l-iehor Emanuel Zammit, dan ta' l-ahhar jghid li kien l-appellanti li habat mar-rota ta' quddiem tat-trukk tieghu. L-appellanti jizmentixxi li Zammit kien fil-karreggjata ta' gewwa u anzi jghid li dan kien fil-karreggjata ta' barra meta hu kien fil-korsija tan-nofs. Filwaqt li jghid dan huwa imbaghad ma gharafx jaghti spjegazzjoni ta' dak dikjarat mix-xhud Natalino Agius (fol. 53) relattiv ghall-hsara estensiva "qisha selha kbira" li l-vettura ta' l-appellanti kellha fuq il-parti tax-xellug taghha fuq wara. Indikatur oggettiv dan li tabilhaqq, kif dikjarat minnu, Zammit kien fil-karreggjata ta' gewwa (fol. 110);

Anke minn dawn, u apparti d-dikjarazzjoni tieghu *a tempo debito* lis-Surgent, hi l-fehma tal-Qorti illi l-versjoni ta' l-appellanti hi inattendibbli u tinsab skreditata mill-fatti. Anzi l-Qorti tara li hu aktar probabbli li verament l-appellanti kien qed jittanta jaghmel manuvra ta' sorpass ta' trukk iehor li kien mghobbi, miexi bil-mod, u in parti jikkavalla l-*lane* tieghu. Akkopjjat ma' dan hemm ukoll il-fattur *speed* li bih kien qed isuq l-appellanti u li ma ppermettilux ikollu l-kontroll shih tal-vettura tieghu. Velocita` din li nisslet b' rejazzjoni l-kumment ta' Zammit meta ndirizzah "lanqas tisthi titla dan il-gass kollu issuq b' zewgt itfal" (fol. 111);

Dawn ic-cirkostanzi ta' fatt iwasslu necessarjament ghal dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt:-

(1) "Min jittanta jaghmel sorpass kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li meta jaghmel tali manuvra ma jfixkelx lit-traffiku li jkun gej minn warajh. Kellu allura l-obbligu li jaccerta ruhu illi seta' jibda, ikompli u jtemm din il-manuvra li hija perikoluza fiha nfisha minghajr ma jikkreja sitwazzjoni ta' perikolu ghalih u ghal vetturi ohra utenti tat-triq" – "**Andrew Abela *et* -vs- Charles Dingli**", Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu 2000. Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Toni Meilak**", Appell Kriminali, 20 ta' Settembru 1948, "**Il-Pulizija -vs- Manwel Mallia**", Appell Kriminali, 9 ta' Marzu 1958 u "**Paolo Gauci -vs- Francis Frendo *et***", Appell Civili, 28 ta' Gunju 1974;

(2) L-i*speed* eccessiv jinnewtralizza dak il-*margin of* safety" tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala'. Ara "**Il-Pulizija -vs- Gaetano Fabri**", Appell Kriminali, 15 ta' Settembru 1962. Ma jistax ikun dubitat illi l-appellanti kien tassew ghaddej isuq b' volocita` superjuri. Dan hu spjegat mill-fatt stess ta' dak li ssuccieda bil-karozza ta' l-appellanti tirkeb is-*centre strip*, maqtugha mill-erba' roti, iddur, tahbat ma' arblu, u tispicca n-naha l-ohra tat-triq fejn sar l-iskontru mal-vettura misjuqa f' dak il-mument mill-attur. Ara xhieda ta' dan a fol. 41;

(3) Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellanti din il-Qorti mhux biss ma tirravviza ebda htija fil-konvenut l-iehor izda lanqas wahda kontributorja. Kif deciz, "ma jistax ikun hemm negligenza, lanqas kontributorja, jekk ma jkunx hemm kolpa fis-sens ta' imprudenza jew negligenza materjali u kawzativa fis-sens tal-ligi". Ara **Kollez. Vol. XLVII P I p 207**.

Ghal dawn il-motivi superjorment esposti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------